# FIL-QORTI ĊIVILI - PRIM AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, il-Ġimgħa 4 ta' Ottubru 2024

Mandat Numru. **1533/2024 ISB**

Fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta` **Mandat ta` Inibizzjoni Numru 1533/2024ISB** fl-ismijiet :

**Ergon Projects Limited** (C 41926)

**Ergon Technoline Joint Venture** joint venture komposta minn Ergon Projects Limited [C 41926] u Technoline Limited [C 4250]

vs

Il-**Ministeru għas-Saħħa u anzjanità attiva**;

Is-**Segretarju Permanenti għall-Ministeru għas-Saħħa u anzjanità attiva**;

**Foundation for Medical Services**;

**Direttur tal-Kuntratti**

**Il-Qorti** :

Rat ir-**rikors** preżentat mir-rikorrenti Ergon Projects Limited et fit-18 ta' Settembru 2024 fejn, għar-raġunijet hemmek elenkati, huma talbu lil din il-Qorti sabiex iżżomm lill-intimati milli:

> ***Jiehdu pussess tal-fond ossia l-isptar Vincent Moran Health Care Hub, 19 Triq is-Sorijiet, c/w Triq Karl Chircop, c/w Triq Id- Durrghajsa, Paola.***
>
> ***U/Jew***
>
> ***Ma jaghmlux bidliet u/jew xogholijiet ta' liema ghamla jkunu u ma jibdewx joperaw mill-isptar Vincent Moran Health Care Hub, 19 Triq is-Sorijiet, c/w Triq Karl Chircop, c/w Triq Id- Durrghajsa, Paola u l-bnadi relatati ma l-istess progett***
>
> ***U dan qabel ma jsir accertament indipendenti dwar ix-xogholijiet li saru u l-ispejjez inkorsi fil-progett mill-atturi;***

Rat il-verbal tas-seduta miżmuma fit-30 ta' Settembru 2024.

Semgħet, waqt l-istess seduta miżmuma u fuq domanda tal-Qorti, id-dikjarazzjonijiet ta' Joseph Chetcuti, Segretarju Permanenti intimat fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa u Anzjanita' Attiva, b`riferenza għall-**Artikolu 873(3) tal-Kap 12** tal-Liġijiet ta' Malta, fejn stqarr, illi:

> "*mat-terminazzjoni tal-appalt il-Ministeru ħa l-pussess effettiv tal-fond ossia l-Isptar Vincent Moran Healthcare Hub li jinsab f'Raħal il-Ġdid*",

u semgħet ukoll d-dikjarazzjoni tal-istess Segretarju Permanenti u kif ukoll ta' Clint Borg f'isem l-intimata Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi, li ukoll b'referenza għall-**Artikolu 873(3) tal-KAP 12** tal-Liġijiet ta' Malta stqarrew illi:

> "*l-intenzjoni hi li l-binja tibda' topera mill-aktar fis u allura kif jitlesta dak li hemm bżonn inkluż mix-xogħolijiet li hemm bżonn isiru, il-binja tibda topera*"

u b'hekk issodisfaw dak li trid il-liġi fil-kuntest ta' dak li jeid l-Artikolu 873(3) biex il-Mandat jinstema` u jiġi deċiż.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti kollha u rat illi r-rikors tħalla għal digriet *in camera*.

**Ikkunsidrat**:

Illi in sintezi, il-pożiżżjoni tal-partijiet hija hekk:

Illi s-**soċjetajiet rikorrenti** jgħidu illi s-soċjeta' rikorrenti Ergon Projects Limited hija soċju maġġoritarju u għandha wkoll ir-responsabbilta' ta' amministrazzjoni tal-Joint Venture bl-isem ta' Ergon Technoline Joint Venture. Illi dan il-Joint Venture kien ġie nkarigat (wara procedura ta' tender) bil-"*Design & Build of the*

*Paola Primary Health Care Southern Regional Hub Using Environmental Friendly Construction Materials and Products*".

Isostnu illi l-kuntratt relattiv t'appalt sar mad-Direttur tal-Kuntratti f'isem il-Ministeru tas-Saħħa permezz ta' kuntratt datat 26 t'Ottubru 2018. Jispjegaw illi minkejja illi l-permessi kienu gja ottenuti, kellhom isiru bidliet sinifikanti kemm fid-disinn tal-proġett u kif ukoll fid-dokumenti relattivi tal-permess, u dan apparti għal bidliet oħra li ma kienux inklużi fid-disinn oriġinali u li ntalbu direttament mill-intimati.

Jispjegaw illi filwaqt li l-proġett tlesta u l-isptar inbena, pero' hemm tilwima bejn il-partijiet u jirriżulta li hemm diversi xogħolijiet li saru mir-rikorrenti li ma ġewx ċertifikati mill-engineer u ma tħallsux mill-intimati – tant illi hemm pendenti proċeduri ta' arbitraġġ. Jgħidu illi pendenti dawn il-proċeduri, jidher illi l-intimati, wara li għazlu illi jitterminaw l-appalt, issa jridu jidħlu fil-fond u jagħmlu bidliet fl-istess fond.

Jsostnu illi ġjaladarba qatt ma sar rendikont, maqbul, dwar ix-xogħolijiet u l-ispejjez inkorsi mir-rikorrenti, jekk ser isiru xi xogħolijiet jew kwalsiasi tibdil fil-fond ser ikun impossibbli li wieħed jaċċerta il-kwantità, l-għamla u l-valur x-xogħolijiet, u dan ser jippreġudika d-drittijiet tar-rikorrenti meta jkun hemm proċeduri ulterjuri billi jagħmilha mpossibbli sabiex ikun hemm aċċertament korrett tax-xogħol u l-ispejjeż inkorsi mir-rikorrenti.

Jgħidu illi l-pretensjonijiet tagħhom ġja avvanzawhom bi proċeduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili li jġibu n-numru 1004/2024FDP, fejn qed jitolbu li jsir aċċertament u jigi stabbilit definittivament il-kwantità, l-għamla u l-valur x-xogħolijiet li saru mir-rikorrenti.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi minn naħa tagħhom, l-intimati jikkontestaw it-talba.

L-**intimat Direttur tal-Kuntratti** jgħid illi Technoline Limited għandha tippreżenta prova li hija awtorizzata tressaq din il-kawża skond l-Artikolu 35(11A)(ċ) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità (Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta).

Ulterjorment jsostni illi r-Regolament 261 tal-Liġi Sussidjarja 601.03 jagħti d-dritt lill-Awtorità Kontraenti li tittermina l-kuntratti, u fi kwalunkwe każ, l-intimat Direttur m'għandu l-ebda relazzjoni kuntrattwali mal-atturi għaliex iffirma l-Kuntratt biss għan-nom tal-Ministeru għas-Saħħa. Għalhekk isostni illi huwa mhux il-leġittimu kontradittur.

Jsostni illi fil-mertu, ma jissussistux mqar sal-livell ta' *prima facie* dawk id-drittijiet li qed jitlob li jitħarsu r-rikorrent permezz tal-ħruġ tal-mandat. Jsostni illi

l-prova *prima facie* tal-jeddijiet "huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant - jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat" (ara **Grech pro et noe vs Manfre'**, Qorti tal-Appell, Kollez. Vol. LXXII.II.290 kif kwotata fid-digriet fl-atti tal-mandat nru. 404/19JZM, fl-ismijiet **Saviour Ellul vs. Jean Paul Ellul**, 23.04.2019). Jsostnu illi "Wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib." (ara mandat nru. 819/2022CFS, **Rita Borg et v. Ian Borg** et, 08.07.2022) – u jsostni għalhekk illi l-mostoqsija hi: l-atturi għandhom xi jedd li jżommu s-sit u li ma jippermettux lill-Ministeru għas-Saħħa li jirriposjedi s-sit u jkomplu x-xogħlijiet? Jew aħjar, l-atturi għandhom xi jedd li jissospendu x-xogħlijiet li kellhom isiru taħt il-Kuntratt fuq sit li tappartjeni lill-Ministeru għas-Saħħa? Għal liema jsostnu firmament illi r-risposta hija fin-negattiv. Anzi, jsostni illi l-Awtorità Kontraenti terġa' tieħu f'idejha s-sit u tkompli l-appalt hi stess, wara t-terminazzjoni tal-Kuntratt, huwa jedd mogħti lilha espressament mill-Artikolu 15.2 tal-Kuntratt.

L-intimat Direttur tal-Kuntratti jsostni ukoll illi, mingħajr preġudizzju għall-fatt illi r-rikorrenti ma għandhomx dritt x'jikkawtelaw, hemm l-assenza tal-*periculum in mora*. Jsostni illi bil-kuntratt stess hemm proċedura stabbilita sabiex jiġu kwantifikati il-valuri tal-ispejjes u x-xogħol tagħhom u ma hemmx il-ħtieġa li s-sit tiġi ppriżervata fl-istat tagħha sakemm tintemm kull litiġazzjoni bejn il-partijiet. Isostni illi s-sistema kollha tad-*dispute resolutio*n taħt il-Kuntratt trid li l-proġett jibqa' għaddej minkejja kwalunkwe tilwim bejn il-partijiet.

Jsosntu illi fuq kollox xejn ma kien iżomm lir-rikorrenti milli jivvalutaw huma, anke permezz ta' perit *ex parte*, il-valur u l-kwalità tax-xogħlijiet. Dan aktar u aktar meta hemm diġà litiġazzjoni pendenti bejn il-partijiet quddiem id-Dispute Adjudication Board.

L-intimati **<u>Ministeru għas-Saħħa u Anzjanita' Attiva, is-Segretarju Permanenti fi ħdan l-istess Ministeru u l-Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi</u>** minn naħa tagħhom jsostnu illi r-rikorrenti qegħdin essenzjalment jippruvaw iwaqqfu lill-Ministeru milli jieħu l-pussess u jopera sptar pubbliku - sptar illi, r-rikorrenti ġew ingaġġati jibnu u jlestu permezz ta' kuntratt ta' appalt datat 26 ta' Ottubru, 2018. Ir-rikorrenti għandhom pretensjonijiet ta' ħlas mingħand l-intimati, u in kawtela ta' din il-pretensjoni ressqu t-talba f'dan il-mandat. Talba ntiża biss biex l-intimati jħallsu dak li jippretendu r-rikorrenti taħt pressjoni għaliex il-prijorità assoluta tal-Ministeru hija proprju li jibda jopera l-Isptar mill-iktar fis u mhux, kif qed jintalab hawnhekk, jinżamm milli jieħu l-pussess u jopera dan l-isptar. Jsosntu illi llum, il-pussess ta' l-Isptar diga' qiegħed f'idejn il-

Ministeru. Il-Kuntratt ġie tterminat - liema terminazzjoni wasslet sabiex l-intimati ħadu l-pussess ta' l-Isptar.

Isostnu illi l-Kuntratt stess jistipula b'mod ċar, x'għandu jiġri u ma jiġrix f'dawn it-tip ta' ċirkostanzi u bil-kuntrarju ta' dak li jippretendu r-rikorrenti, imkien ma jirriżulta xi dritt, wisq inqas dritt *prima facie*, mill-Kuntratt li r-rikorrenti għandhom dritt iwaqqfu il-Gvern milli jopera l-Isptar sabiex huma jitolbu aċċertament indipendenti dwar ix-xogħlijiet li jgħidu li saru u l-ispejjeż li jgħidu li nkorrew min-naħa tagħhom. Anzi d-dritt prima facie huwa proprju il-kuntrarju: skont il-Kuntratt, ladarba saret it-terminazzjoni, l-Ministeru għandu dritt jieħu l-pussess tal-Isptar u konsegwentement li joperah.

Isosntu illi jekk ma jintlaqax il-mandat ta' inibizzjoni m'hu ser ikun hemm l-ebda preġudizzju li ser isofru r-rikorrenti, wisq anqas preġudizzju rrimedjabbli għaliex *se mai*, il-preġudizzju huwa biss wieħed finanzjarju. Anzi, tenut kont li hawn ukoll japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 873(3) tal-Kap 12, huma jsostnu li jekk ma jintlaqax il-mandat mhu ser ikun hemm l-ebda preġudizzju sroporzjonat li jsofru r-rikorrenti. Il-preġudizzju sproporzjonat huwa għall-intimati jekk kemm-il darba dan il-mandat jintlaqa', għaliex il-binja in kwistjoni u l-operat li qed jiġi trattat huwa dak ta' sptar b'faċilitajiet mediċi tant meħtieġa.

L-intimati jsostnu illi waħda mit-talbiet, ir-ripreza tal-pussess, hija eżawrita, għaliex il-Ministeru illum għandu l-pussess tal-Isptar u għaldaqstant, dik il-parti tar-rikors fejn din l-Onorabbli Qorti qed tintalab iżżomm lill-intimati milli jieħdu pussess tas-sit ma tistax tiġi milqugħa.

L-intimati jsostnu illi l-liġi hi ċara u titlob, anzi timponi li mandat ta' inibizzjoni ma għandux jinħareġ jekk min jitolbu ma jkunx issodisfa lill-Onorabbli Qorti li (a) jkun jidher *prima facie* li min jitlob il-ħruġ tal-mandat għandu dritt li jimpedixxi li ssir xi ħaġa li biha min qiegħed jitlob il-mandat jista' jġarrab ħsara; u (b) li l-mandat hu neċessarju biex jiġi konservat id-dritt tar-rikorrent. Dan it-tieni rekwiżit ġie kostantament interpretat fis-sens li mhux biżżejjed li rikorrent juri li ser isofri xi preġudizzju, iżda wkoll li tali preġudizzju jrid ikun irreparabbli. Fejn ir-rikorrent juri *prima facie* li għandu dritt, iżda jkollu rimedju adegwat, il-mandat m'għandux jinħareġ.

<u>Dwar id-dritt *prima facie*</u> – jsostnu illi għandu jirriżulta biċ-ċar, li l-ħsara li jallegaw li ser isofru r-rikorrenti hija waħda purament finanzjarja. Jsostnu illi biex ir-rikorrenti jissodisfaw lil din l-Onorabbli Qorti li għandha dritt *prima facie* li għandu jiġi salvagwardat, tali dritt irid, mad-daqqa t'għajn, jirriżulta ċar: ċioe' l-ġudizzju mmedjat, pero' rivedibbli, li hi mitluba tagħmel il-Qorti, irid iwassalha għall-konklużjoni li r-rikorrenti għandhom id-dritt minnhom vantat. Mhux li jista' jkun li għandhom dak li l-Ingliżi jsejħulu 'an arguable case', imma li għandhom, ma' l-ewwel daqqa t'għajn, raġun. Fi kliem ieħor, jekk il-punt hu dibattibbli, u hu diffiċli

li wieħed jieħu veduta mingħajr studju aktar approfondit, allura l-Qorti li għandha tirrifjuta t-talba.

L-intimati jsostnu illi r-rikorrenti jippretendu li għandhom dritt jitolbu li jsir "aċċertament indipendenti dwar ix-xogħlijiet li saru u l-ispejjeż inkorsi fil-proġett mill-atturi". Madanakollu imkien, fir-rikors għall-ħruġ ta' dan il-mandat ma jistrieħu fuq il-Kuntratt jew fuq xi disposizzjoni in sostenn tat-talbiet tagħhom. Dan proprju għaliex id-dritt (wisq anqas dritt prima facie) ma jeżistix l-għaliex il-Kuntratt innifsu jirregola l-mod kif mat-terminazzjoni għandu jsir iċ-ċertifikazzjoni u l-valutazzjoni tax-xogħlijiet. Anzi, mad-daqqa t'għajn, id-dritt *prima facie* skont il-Kuntratt huwa proprju dak ta' l-intimati li, mat-terminazzjoni, jieħdu l-pussess lura tal-fond, jagħmlu x-xogħlijiet li hemm bżonn u joperawh (ara klawżola 15.2). Id-dritt vantat mir-rikorrenti, cioe' dak li jiġi ffriżat kollox sakemm isir aċċertament indipendenti (kif mitlub) ma hu msejjes fuq l-ebda dritt prima facie, la naxxenti mill-Kuntratt u lanqas mil-liġi.

Jsostnu illi ir-rikorrenti għandhom stampa ċara ta' l-istat li kien fih is-sit hekk kif huma vvakaw is-sit u saħanistra hemm l-aħħar *interim payment application* tal-kuntrattur stess li tkopri x-xogħolijiet li l-kuntrattur jgħid li skont hu għandu jitħallas għalihom sal-31 ta' Lulju, 2024. Segwa il-*payment application* li jġib id-data tat-28 ta' Awissu 2024. Minn dakinhar ma sar ebda xogħol ieħor u f'Settembru 2024 il-Kuntratt ġie tterminat. Kwindi, minbarra li l-kuntrattur m'għandu l-ebda dritt *prima facie*, il-kuntrattur għandu, u jaf ben tajjeb, x'inhuma x-xogħolijiet li għamel u li ma għamilx u li tagħhom qiegħed jippretendi ħlas.

L-intimati jsostnu illi r-rikorrenti imkien ma jsemmu l-kuntratt jew xi disposizzjoni fih li tgħinhom in sostenn tat-talbiet tagħhom. Anzi bl-aġir tagħhom stess, ċioe' tramite l-ittra ta' terminazzjoni mibgħuta minnhom stess li permezz tagħha invokaw l-operat tal-klawżola numru 16.3, il-jedd prima facie huwa tant li l-esponenti jistgħu jieħdu lura l-pusses (hekk kif diġà sar) u l-kuntrattur huwa obbligat li: (a) cease(s) all further work, except for such work as may have been instructed by the Engineer for the protection of life or property or for the safety of the Works (b) hand(s) over Contractor's Documents, Plant, Materials and othe work, for which the Contractor has recived payment, and (c) remove (s) all other Goods from the Site, except as necessary for safety and leave the Site.

Dwar il-preġudizzju, l-intimati jsostnu illi dan ma jeżistix u anke li kieku kien, il-preġudizzju mhuwiex wieħed irrimedjabbli għaliex kwalunkwe preġudizzju huwa wieħed monetarju.

Jsostnu illi r-rikorrenti jgħidu illi l-ħsara li tista' tiġi mġarrba tista' potenzjalment tkun biss waħda ta' natura finanzjarja li faċilment tkun rimedjabbli f'każ li l-proċeduri arbitrali jkollhom eżitu favorevoli għar-rikorrenti, tant illi r-rikorrenti jgħidu "*...jekk l-intimati ser jieħdu pussess effettiv u jagħmlu xi xogħolijiet (ikunu*

*li jkunu fil-fond) qabel ma jsir dan l-aċċertament id-drittijiet ta' l-atturi sabiex jitħallsu għax-xogħolijiet li għamlu ser jiġu preġudikati irrimedjabbilment billi ser jippreġudika kull proċedura li jistgħu jagħmlu r-rikorrenti sabiex jitħallsu għax-xogħol li għamlu.*"

Jsostnu illi min-naħa l-oħra, dan huwa mandat li, jekk jintlaqa', ser ikun qed joħroġ kontra awtoritajiet governattivi. Huwa mandat għaldaqstant li, apparti r-rekwiżiti normali tal-mandati ai termini tal-liġi (id-dritt prima facie u l-preġudizzju irrimedjabbli), li jrid ukoll jissodisfa l-element tal-Artikolu 873(3) tal-Kap 12 fir-rigward tar-rekwiżit tal-isproporzjonalita'. Jsostnu illi dan ifisser li "*bejn il-vantaġġ li joħroġ kieku l-ħaġa titwettaq u l-ħsara li ġġib magħha, jeħtieġ li jsir tqabbil*" u għalhekk ir-rikorrenti huma meħtieġa li juru li l-preġudizzju li ser jinħoloq kemm il-darba il-mandat ma jinħariġx, ser ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' sitwazzjoni fejn l-Isptar jibda jopera. Jiġi umilment sottomess li ma hemm l-ebda preġudizzju sproprzjonat li ser jinħoloq lir-rikorrent f'każ li l-mandat ma jintlaqax. L-isproporzjonalita' tissusisti f'każ li din il-Qorti tilqa' l-mandat u, bħala konsegwenza, l-Gvern mhux ser ikun f'pożizzjoni li jiftaħ u jopera sptar pubbliku. Il-Gvern ma jistax jinżamm milli jopera dan l-isptar pubbliku u joffri s-servizz tas-saħħa li hija essenzjali lil pubbliku in ġenerali.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Magħrufa l-pożizzjonijiet rispettivi tal-partijiet, il-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel l-evalwazzjoni u l-konsiderazzjonijiet tagħha.

Illi skont l-**Artikolu 873(1) tal-Kap 12** – L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skont l-**Artikolu 873(2) tal-Kap.12** – Il-Qorti m`għandhiex toħrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieg sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent '*prima facie*' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) joħorgu żewġ elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

1) fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu jeddijiet li qed jippretendi li għandu; u
2) fit-tieni lok, irid jipprova li *prima facie* għandu dawn il-jeddijiet.

Appuntu dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fil-kawża **Grech pro et noe vs Manfre`**[1] qalet hekk –

*... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

Hemm imbagħad l-**Artikolu 873(3)** tal-Kap.12 li jaqra hekk –

*Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Mela fejn, bħal fil-każ odjern, hemm entita' governattiva bħala intimat, b`żieda mal-elementi li joħorġu mis-subinċiżi (1) u (2) tal-Artikolu 873, irid jitqies ukoll dak li jingħad fis-subinċiż (3) u cioe`:

(a) li l-ħaga li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u
(b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għemil tal-ħaga li qed tintalab li tiġi miżmuma.

Għar-rigward tal-element tal-preġudizzju meqjus fil-kuntest tas-subinċiż (3), wara l-emenda li ġiet fis-seħħ f`Ottubru 2006, il-liġi ma baqgħetx titkellem dwar preġudizzju "*li ma jkunx jista' jigi rimedjat*" bħala l-bażi biex tkun milqugħa talba għall-ħrug tal-mandat kontra l-Gvern, iżda huwa biżżejjed jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat li dak il-preġudizzju jkun sproporzjonat fis-sens illi jkun manifestament ta` żvantagg u ta` ħsara għar-rikorrent jekk il-ħaġa titwettaq.

L-elementi li jwasslu għall-ħrug tal-Mandat huma kumulativi u mhux alternativi.

---

[1] 14 ta` Lulju 1988, (Kollez. Vol. LXXII.II.290)

Li allura jfisser illi jekk xi wieħed mill-elementi ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata ticħad it-talba għall-ħrug tal-Mandat mitlub. Huwa ukoll riaffermat li l-proċedura tal-lum hija maħsuba biex tkun waħda sommarja.

Il-fatt illi tintlaqa` talba għall-ħrug tal-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant ieħor m`għandux ifisser li jekk il-ħrug tal-Mandat ikun micħud, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu.

Ħadd mill-partijiet ma jista` jew m`għandu jippretendi li mad-"*daqqa t`għajn*" għandha tkun propju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni.

Finalment irid jiġi preċiżat ukoll illi l-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali. Għalhekk ma jistax ikun hemm il-ħruġ tal-Mandat jekk il-ħsara li minnha r-rikorrent ikun qiegħed jilmenta tkun tista` tiġi rimedjata mod ieħor.

Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet,

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Qabel xejn il-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti jistgħu jinqassmu fi tnejn, u allura, dejjem marbutin mal-premessa illi s-soċjeta' rikorrenti trid illi jsir aċċertament indipendenti dwar ix-xogħolijiet li saru u l-ispejjeż inkorsi minnhom fil-proġett, qed jiġi mitlub illi l-intimati jiġu inibiti milli:

*Jiehdu pussess tal-fond ossia l-isptar Vincent Moran Health Care Hub, 19 Triq is-Sorijiet, c/w Triq Karl Chircop, c/w Triq Id- Durrghajsa, Paola.*

*U/Jew*

*Ma jaghmlux bidliet u/jew xogholijiet ta' liema ghamla jkunu u ma jibdewx joperaw mill-isptar Vincent Moran Health Care Hub, 19 Triq is-Sorijiet, c/w Triq Karl Chircop, c/w Triq Id- Durrghajsa, Paola u l-bnadi relatati ma l-istess progett.*

Mela, il-Qorti tqis illi t-talbiet li qed iressqu r-rikorrenti huma marbuta mal-pretensjoni tagħhom illi għandhom isiru l-aċċertamenti indipendenti dwar ix-xogħolijiet li saru minnhom stess u l-ispejjes inkorsi minnhom stess fil-proġett – u dan minħabba pretensjonijiet finanzjarji illi jista' għandhom fil-konfront tal-intimati.

Trattati separatament, **<u>l-ewwel parti tat-talba</u>** hija dik fejn din il-Qorti qed tiġi mitluba żżomm lill-intimati milli jieħdu pussess tal-binja de quo.

Mill-atti jirriżulta ċar illi l-pussess tal-fond *de quo* ġja qiegħed f'idejn l-intimati. Din il-Qorti, f'proċeduri bħal dawn, ma tistax tinibixxi milli jsir xi ħaġa li diga' tkun saret, u allura, meta qed jirriżulta lill-Qorti illi l-pussess tal-fond *de quo*, ossia, l-Isptar Vincent Moran Health Care Hub f'Raħal l-Ġdid, diġa' qiegħed f'idejn l-intimati, ma tista' qatt tgħaddi biex tinibixxi lill-intimati milli jagħmlu xi ħaġa li diga' għamlu.

Il-Qorti f'dan ir-rigward issib komfort f'diversi pronunzjamenti gjudizzjajri u tant biex issir referenza waħda, tiċċita f'dan is-sens, digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-proċeduri ta' Rikors għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Nru 492/2022AD fl-ismijiet **BirdLife Malta vs Prim Ministru et**, meta ntqal:

> 55.In oltre, minbarra dawn il-ħames elementi kif appena elenkati, il-Qrati nostrana, fosthom din il-Qorti stess kif presjeduta, konsistentement abbraċċjaw il-prinċipju illi mandat t'inibizzjoni ma jistax jinħareġ fejn it-talba tkun tikkonsisti f'obbligazione di fare, iżda jista' jinħareġ biss fejn it-talba tkun tirrigwarda obbligazione di non fare. Hekk per eżempju ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet **Water Leisure Limited et vs L-Awtorita' għat-Trasport f'Malta**
>
> *20. Huwa magħruf li talba għall-ħruġ ta‟ mandat ta' inibizzjoni ma tagħtix lok għal specific performance, iżda għal rimedji oħrajn. Wara kollox, il-mandat ta‟ inibizzjoni ma jistax ħlief jirrigwarda obbligazzjoni di non fare u mhux di fare (ara Michael Rizzo et v. Demar Properties Ltd, Prim‟Awla Qorti Ċivili tad-19 ta‟ Ġunju 2017 u Carmelo Zerafa v. Nicola Buhagiar, Prim‟Awla tal-Qorti Ċivili tat-23 t‟April 1958);*
>
> Difatti, minnu nnifsu stess, l-Artikolu 873(1) tal-Kap 12 jgħid illi, "L-iskop tal-mandat t‟inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista‟ tkun ta‟ preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat." <u>Konsegwentement isegwi wkoll illi mandat t'inibizzjoni ma jistax jinħareġ f'każijiet fejn l-att illi qed jintalab illi jiġi inibit ikun diġa' twettaq</u>, stante illi d-diċitura stess tal-istess Artikolu kif emfasizzata minn din il-Qorti tindika b'mod ċar illi l-att illi jkun qiegħed jintalab illi jiġi inibit irid ikun għadu ser iseħħ;

Il-Qorti ma għandha xejn aktar xi żżid ħlief illi tagħmel tagħha dan l-insenjament u konsegwentament tiddikjara illi l-ewwel parti tat-talba tar-rikorrenti riferibbli għaż-żamma tal-intimati milli jieħdu pussess tal-fond, ossia, l-Isptar Vincent Moran Health Care Hub ta' 19, Triq is-Sorijiet k/m Triq Karl Chircop k/m Triq id-Durrgħajsa, Raħal il-Ġdid, <u>ser tiġi miċħuda</u> in kwantu jirriżulta ċar illi l-pussess tal-Isptar ġja jinsab f'idejn l-intimati.

Dwar **<u>it-tieni parti tat-talba</u>**, fejn ir-rikorrenti iridu li l-Qorti żżomm lill-intimati milli jagħmlu bidliet u/jew xogħolijiet ta' liema għamla jkunu u ma jibdewx joperaw mill-Isptar de quo, il-Qorti tibda' biex tgħid illi mhix sodisfatta illi r-rikorrenti għandhom jedd *prima facie* sabiex jressqu talba bħal din b'suċċess.

Qabel xejn u in kwantu illi t-talba hija marbuta mal-pretensjoni ta' aċċertamenti indipendenti dwar xogħolijiet u spejjes magħmula mill-istess rikorrenti kif qed jintalab, il-Qorti tqis illi la minn qari tal-kuntratt bejn il-partijiet ma jirriżulta tali dritt u lanqas mill-provvedimenti tal-liġi. Anzi, minn qari tal-kuntratt jirriżulta illi l-Inġineer (definit bhala *the person appointed by the employer to act as the engineer* – vide klawsola1.1.2.4) huwa l-persuna illi "*after a notice of termination has taken effect, … shall proceed … to agree and determine the value of the works, goods and contractor's documents, and any other sums due to the contracto for works executed in accordance with the contract*" – vide klawsola 15.3). B'hekk, ir-rikorrenti ma għandhom ebda bazi iressqu pretensjoni ta' neċessita' ta' "aċċertamenti indipendenti", peress illi l-kuntratt jistipula kif għandhom isiru tali aċċertamenti, u fuq kollox, minn dak li stqarrew l-intimati, jidher illi l-Inġineer qiegħed iwettaq dawk l-aċċertamenti skond il-ftehim.

Fuq kollox, il-Qorti tqis illi ċertament illi ma jkunx jirrifletti tajjeb fuq kumpanija jew *joint venture* bħal dawk rikorrenti, fi kwalunwe każ, kuntrattur illi daħal għal *tender* pubbliku ta' miljuni kbar ta' Euro, jekk għandu xi diffikulta' biex jagħti rendikont tax-xogħolijiet minnu eżegwiti u l-ispejjes minnhu nkorsi. Ċertament illi nsistenza fuq "aċċertamenti indipendenti" li inoltre' ma hemmx ftehim fuqhom, imma kif iridu r-rikorrenti, tista' biss twassal biex anke jintefgħu dubbji fuq ir-*requests for payments* minnhom magħmula u sottomessi appuntu ftit ġranet qabel it-terminazzjoni tal-kuntratt ta' appalt.

Fuq hekk biss, il-Qorti ġja tikkonkludi n-nuqqas ta' dritt *prima facie* tar-rikorrenti. Iżda l-Qorti tqis ukoll illi minn qari tal-kuntratt jirriżulta illi "*after termination, the employer may complete the works and/or arrange for any other entities to do so*" (vide Klawsola 15.2).

Kull kumment ulterjuri aktarx ikun superfluwu.

Anke jekk il-Qorti tista' tieqaf hawn peress illi kif fuq spjegat, l-elementi huma kumulattivi, il-Qorti tħossha fid-dover illi tittratta anke l-aħħar element, dak tal-isproporzjonalita'.

Dwar **<u>l-isproprozjonalita'</u>**, il-Qorti tqis illi r-rikorrenti ma rnexxilhomx juru illi l-pregudizzju li jista' jinħoloq lilhom jekk ma jiġix milqugħ il-Mandat ser ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-fatt li l-Isptar jibda' jopera. Kważi kważi, fiċ-ċirkostanzi preżenti magħrufa pubblikament ta' kemm huwa necessarju illi jibda jopera Sptar bħal dan, kull kumment iehor għal darb'oħra jkun superfluwu u l-Ministeru intimat għandu mhux biss mis-sewwa, imma anke d-dmir illi jara illi mingħajr dewmien jibda jopera dan l-Isptar.

Huwa għalhekk illi l-Qorti tikkondividi l-pożiżżjoni tal-intimati Ministeru u s-Segretarju Permanenti fi ħdan l-istess, fis-sens illi l-interess qawwi f'dan il-mument huwa illi jibda' jopera dan l-isptar u kwindi ma hemmx dubbju illi l-preġudizzju sproporzjonat ikun qed iseħħ jekk, partikolarment fiċ-ċirkostanzi u l-fatti tal-każ li għandna quddiemna, tintlaqa' t-talba għall-ħruġ tal-mandat.

Il-Qorti tqis illi l-importanza tal-bidu tat-tħaddim ta' dan l-isptar jiżboq bil-qawwa l-importanza ta' dak li jridu r-rikorrenti, u l-istess rikorrenti naqqsu milli juru il-kuntrarju.

**GĦALDAQSTANT**, għar-raġunijiet kollha premessi, din il-Qorti qegħda tgħaddi biex tiddeċiedi t-talba għal ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni mitlub billi **<u>tiċħad</u>** l-istess talba.

L-ispejjeż ikunu a karigu tar-rikorrenti.

**Mogħti kameralment illum, il-Ġimgħa, 4 ta' Ottubru, 2024.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**